MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Rikors Numru. 535/2007

**Saviour Farrugia bhala Ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni TeleMalta; u b'digriet tal-5 ta' Gunju, 1998, l-isem l-attur ghandu jigi sostitwit bl-isem Go p.l.c.**
**Vs**
**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ippremettiet:

lIli l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru 1333/94FDP) giet deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2000, fl-istess kawza il-konvenut kien gie ikkundannat ihallas lill-Maltacom plc is-somma ta' tmien mija, hamsa u erbghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM845.78), in konnessjoni mas-servizzi telefonici numri 310688 u 331711 bl-imghax u bl-ispejjez;

Illi mill-imsemmija somma il-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mitejn u sebghin Liri Maltin u sittin centezmu (LM270.60) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll erba' mija, erbgha u hamsin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM454.41), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-12 ta' Lulju, 2000, id-data tas-sentenza, sal-5 ta' April 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elf, hames mija u sebghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM1,570.79) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Illi ghaldaqstant l-istess socjeta’ rikorrenti ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta u talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat notifikat ma ipprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentanta tas-socjeta’ rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-korretezza ta’ dan ir-rikors wara li inqralha fir-registru ta’ din il-Qorti fis-16 ta’ Mejju, 2007;

Rat l-atti kollha;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghaldaqstant tilqa’ t-talbiet tal-istess socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------